**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-24 ta' Frar, 2017**

**Talba numru: 263/2016AM3**

**Numru fuq il-Lista: 48**

**Paul sive Paula Muscat (K.I.148064M)**
**12, Triq San Frangisk,**
**Marsaxlokk**

**vs**

**Ilyan Marinov (Pass Nru 642473877)**
**Krasimira Mitkova Dimitrova (Pass Nru 645455482)**
**28, Wisgha Dun Guzepp Caruana,**
**Marsaxlokk**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2016, illi permezz tiegħu l-attur talab il-hlas minghand l-konvenuti fl-ammont ta' seba' mija u tnejn u

erbghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€742.54c) danni kagonati fil-fond li l-attur kera lill-intimati liema fond jinsab numru wiehed u ghoxrin (21) Triq San Frangisk, Marsaxlokk u hlas ta' utilitajiet fuq l-imsemmi fond.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' cessjoni li saret fis-seduta tat-03 ta' Frar, 2017 li permezz taghha Dr Maxilene Pace ghall-attur cediet l-kawza kontra Krasimira Mitrova Dimitrova izda zammet fermi t-talbiet tal-attur fir-rigward tal-konvenut Ilyan Marinov.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut Ilyan Marinov ma deherx biex jirrispondieh, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Ilyan Marinov sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' ta' seba' mija u tnejn u erbghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€742.54c) bl-imgħax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data ta' meta dan l-ammont sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, a karigu tal-konvenut Ilyan Marinov.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikatur**